

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

3.12.2008

0101/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skont l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Esther de Lange, Ivo Belet, Niels Busk, Esther Herranz García u
Catherine Stihler

dwar il-pressjoni eċċessiva biex wieħed ikun irqqiż wisq

Data tal-ġeluq: 26.3.2009

0101/2008

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-pressjoni eċċessiva biex wieħed ikun irqiż wisq

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 152 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-*White Paper* fuq in-nutrizzjoni, il-piżżejjed u l-obeżità li huma kwistjonijiet relatati mas-sahħha,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura,
- A. billi stħarriġ mill-Optenet juri li siti tal-internet li għandhom kontenut favur l-anoressja u favur il-bulimja żdiedu b'470% għal 1 583 sit bejn l-2006 u l-2007,
- B. billi tali siti għandhom natura trans-konfinali ċara, kif jidher mis-sit www.pro-ana.be, li jinstab fil-Belġju u għandu medja ta' 40,000 viżitatur fix-xahar li l-maġġoranza tagħhom huma Olandiżi,
- C. billi Franzia tikkunsidra illegali l-inċitament biex wieħed ikun irqiż wisq, inklużi siti tal-internet u *1-bloggs* b'kontenut favur l-anoressja u favur il-bulimja, li jiusta' jesponi lil xi ħadd għal riskju li jmut jew li jipperikola saħħtu jew saħħitha,
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex:
 - jagħtu iktar kas tal-mard li għandu x'jaqsam mal-ikel, bħalma huma l-anoressja u l-bulimja, fil-politiki u l-miżuri tagħhom fil-qasam tal-ikel u tas-sahħha,
 - jimmoniterjaw il-miżuri li hemm digħà fl-Istati Membri bl-għan li jiġieldu l-inċitament biex wieħed ikun irqiż wisq,
 - iħejju statistika dwar l-inċidenza tal-anoressja u l-bulimja fl-Istati Membri,
 - jaraw jekk miżuri kontra l-inċitament biex wieħed ikun irqiż wisq li huma mifruxa fl-UE humiex meħtieġa u possibbli, pereżempju kodiċi tal-kondotta jew projbizzjoni possibbli ta' siti tal-internet favur l-anoressja u l-bulimja;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jibgħat din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.